MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 937/2007

**MEDIA.LINK COMMUNICATIONS CO. LTD (C-6170)**

vs

**HIGH ENTERPRISES LTD. (C-31981)** u Panelpix Limited (C-36956)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-6 ta' Settembru, 2007, li bih u ghar-raġunijiet hemm imfissra, s-socjeta' attrici tablet li din il-Qorti:

(a) Tikkundanna lis-socjetajiet imharrkin, jew lil min minnhom, biex ihallsuha s-somma ta' LM37,828.60[1] bhala kera ta' tnejn u tletin (32) *billboard* ghaz-zmien bejn l-1 ta' Gunju, 2005 sal-31 ta' Awissu, 2007;

(b) Thassar il-kuntratt ta' kera tal-imsemmija *billboards* minhabba n-nuqqas ta' twettiq tar-rabtiet assunti mill-istess kumpanniji mharrka; u

(c) Tikkundanna lill-imharrkin, jew lil min minnhom, biex iroddu lura lill-attrici l-imsemmija *billboards* fiz-zmien li l-Qorti joghgobha tiffissalhom u, fin-nuqqas, tawtorizza lill-kumpannija attrici tehodhom lura hi. Talbet ukoll l-ispejjez;

Rat illi l-atti tar-Rikors u l-Avviz tas-Smigh gew debitament notifikati lis-socjetajiet intimati li naqsu li jipprezentaw Twegiba Mahlufa fiz-zmien moghti lilhom mil-ligi u hekk baqghu kontumaci;

Semgħet ix-xhieda ta' Roberta Cauchi ghas-socjeta' attrici waqt is-smigh tal-10 ta' Gunju, 2009[2], u minn fejn jirrizulta li l-mertu tat-tielet talba attrici huwa ezawrit ghax il-kumpannija attrici hadet lura f'idejha l-imsemmija *billboards*;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet kif hekk midbula jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumaċja s-socjetajiet konvenuti;

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** attrici u tikkundanna lill-kumpanniji mharrkin, flimkien u in solidum bejniethom, ihallsuha is-somma ta' tmienja u tmenin elf, mija u sittax-il euro u tlieta

---

[1] Li jgibu €88,116.93 fi flus tal-lum
[2] Pagg 18-9 tal-process

u disghin centezmi (€88,116.93) bhala arretrati ta' kera ta' *billboards* kif fuq inghad bl-imghaxijiet legali li jibdew jghaddu b'sehh mill-31 ta' Awissu, 2007, sal jum tal-hlas effettiv;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tiddikjara mahlul il-ftehim ta' kera maghmul fl-1 ta' April, 2005, b'sehh mill-31 ta' Awissu, 2007;

**Tastjeni** milli tqis aktar it-**tielet talba** u dan ladarba l-mertu taghha huwa ezawrit.

Tikkundanna lill-kumpanniji mharrka biex, flimkien u solidalment bejniethom, ihallsu l-ispejjez kollha tal-kawza.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------